IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.12.2017
COM(2017) 728 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rappurtar dwar is-segwitu tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti oħra

MT MT

I. Introduzzjoni

It-traffikar tal-bnedmin għadu forma ta' kriminalità serja u organizzata profitabbli ħafna, ipprojbita b'mod espliċitu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[1]. Wara kull vittma hemm esperjenzi u tbatija devastanti li jridu jiġu rikonoxxuti u indirizzati b'mod xieraq, u aktar importanti minn hekk, evitati. Minħabba l-ħsara kkawżata lill-vittmi, jenħtieġ li l-prevenzjoni tkun wieħed mill-pedamenti tal-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-azzjonijiet ewlenin li jenħtieġ li jkunu intensifikati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż il-kooperazzjoni ma' aġenziji tal-UE, mas-soċjetà ċivili, ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE u mal-organizzazzjonijiet u l-korpi rilevanti l-oħrajn kollha.

Huwa ċar li hemm ferm aktar vittmi minn dawk koperti miċ-ċifri uffiċjali. Ir-reat għandu dimensjoni tal-ġeneru ovvja. It-traffikar għal sfruttament sesswali, li jinvolvi l-aktar lin-nisa u l-bniet bħala vittmi, huwa rrappurtat konsistentement bħala l-forma prevalenti[2].

Xprunat minn qligħ konsiderevoli[3] u interazzjoni ferm kumplessa tal-provvista u tad-domanda, it-traffikar jinvolvi katina kumplessa ta' atturi li huma involuti konxjament jew le. Il-ħoloq f'din il-katina jridu jitkissru sabiex ir-reat jiġi eradikat. L-awturi u dawk li jabbużaw jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tan-nies, aggravati minn fatturi bħalma huma l-faqar, id-diskriminazzjoni, l-inugwaljanza bejn is-sessi, il-vjolenza tal-irġiel fuq in-nisa, in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, il-kunflitti, il-gwerer, it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u d-diżastri naturali, għal skopijiet ta' sfruttament sesswali jew għax-xogħol, biex jittallbu, għal attivitajiet kriminali u aktar.

Billi l-*modus operandi* tat-traffikanti qed jevolvi l-ħin kollu, l-UE teħtieġ li tindirizza r-rabtiet bejn it-traffikar tal-bnedmin u reati oħrajn, inkluż il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni, it-terroriżmu, il-korruzzjoni, it-traffikar tad-drogi, iċ-ċiberkriminalità u l-isfruttament sesswali onlajn, il-produzzjoni ta' materjal li jinvolvi l-abbuż sesswali tat-tfal, il-kriminalità finanzjarja, il-frodi tad-dokumenti, il-frodi tal-karti tal-kreditu, u l-frodi tal-benefiċċji[4].

Kif inhu ssottolinjat fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[5] u strumenti ta' politika tal-UE oħra[6], l-UE tibqa' impenjata li tipprevjeni u tiġġieled

---

1 L-Artikolu 5 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Art. 79 TFUE u l-Art. 83 TFUE.

2 Skont id-dejta tal-Kummissjoni, 67 % tal-vittmi tat-traffikar irreġistrati fl-UE huma vittmi ta' sfruttament sesswali (95 % minnhom huma nisa jew bniet), segwit mill-isfruttament tax-xogħol (21 % tal-vittmi) u forom oħra ta' sfruttament (12 %). Dan huwa konsistenti max-xejriet identifikati minn organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali.

3 Il-profitt annwali minn kull forma ta' traffikar tal-bnedmin huwa stmat li jilħaq l-EUR 29,4 biljun globalment (ir-Report on Trafficking in Human Beings, Financial Business Model (Rapport dwar it-Traffikar tal-Bnedmin, Mudell Kummerċjali Finanzjarju) tal-Europol (2015).

4 COM(2016) 267 final; COM(2017) 195 final; L-Internet Organised Crime Threat Assessment (il-Valutazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet) (IOCTA) 2016, l-EU Serious and Organised Crime Threat Assessment (il-Valutazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità Serja u Organizzata tal-UE) (SOCTA) 2017 u s-Situation Report, Trafficking in Human Beings in the EU (ir-Rapport tas-Sitwazzjoni, it-Traffikar tal-Bnedmin fl-UE) (2016) tal-Europol.

5 L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, COM(2015) 240 final; L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà COM(2015) 185 final.

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Ewropa Miftuħa u Sikura: Kif Nagħmluha Realtà" (COM(2014)154 final); Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti

it-traffikar tal-bnedmin u tħares id-drittijiet tal-vittmi, filwaqt li tqis b'mod partikolari l-vulnerabbiltajiet tan-nisa u t-tfal traffikati. Barra minn hekk, it-traffikar tal-bnedmin huwa qasam ta' prijorità fost it-theddid ta' kriminalità fiċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE dwar il-Kriminalità Internazzjonali Organizzata u Serja 2018-2021[7]. Barra minn hekk, l-impenn politiku biex tissaħħaħ l-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin, fl-UE u madwar id-dinja, huwa appoġġat mill-Istrateġija Globali dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (Global Strategy on the European Union's Foreign and Security Policy, EUGS) u mill-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti tal-UE[8] u r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew[9]. Jeżisti wkoll appoġġ qawwi mis-soċjetà ċivili[10].

F'dawn l-aħħar ftit snin, l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet qafas legali u ta' politika komprensiv u konsistenti għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Dan ikopri l-oqsma politiċi kollha tal-UE relatati mat-traffikar tal-bnedmin inkluż il-finanzjament u r-riċerka. Id-Direttiva 2011/36/UE[11] dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu ("id-Direttiva") tistabbilixxi l-qafas legali. Il-Kummissjoni qed tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva[12] mill-Istati Membri u tirrapporta dwar il-progress.

L-istrateġija tal-UE dwar l-Eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin[13] ("l-Istrateġija") kienet l-istrument ewlieni għall-iżvilupp, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam. L-azzjonijiet li l-Istrateġija telenka taħt ħames prijoritajiet ewlenin rigward il-*prevenzjoni, il-prosekuzzjoni, il-protezzjoni* tal-vittmi, *is-sħubiji,* u t-titjib tal-*għarfien* ġew implimentati[14].

Globalment, madankollu, il-kuntest soċjopolitiku nbidel b'mod sinifikanti minn mindu ġew adottati l-Istrateġija u d-Direttiva. L-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi finanzjarja globali, il-kriżi tal-migrazzjoni u t-theddid għas-sigurtà minn gruppi ta' kriminalità organizzata jkomplu jiggravaw il-vulnerabilitajiet, u għalhekk jeħtieġu miżuri aktar b'saħħithom kemm

---

(COM(2017)211); kif ukoll relatati mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (COM(2017) 195 final); Rapporti ta' Progress tal-Unjoni tas-Sigurtà (COM(2017) 213 final, SWD(2017) 278 final, COM(2017) 407 final.

7 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja bejn l-2018 u l-2021, 7704/17.Ara wkoll, l-EU Serious and Organised Crime Threat Assessment (Valutazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità Serja u Organizzata tal-UE) (Europol, 2017).

8 Il-Pjan ta' Azzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; il-qafas għall-attivitajiet tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fir-relazzjonijiet esterni tal-UE għall-2016-2020; l-Impenn Strateġiku dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi; l-Istrateġija tal-UE dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva u l-Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp.

9 Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE (P8 TA(2016)0227) u dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fir-relazzjonijiet esterni tal-UE (P8 TA(2016)0300). Ara wkoll l-10 messaġġi ewlenin tal-Kumitat FEMM tal-PE lill-Kummissjoni Ewropea, FEMM/8/09 816 (it-3 ta' Mejju 2017).

10 Kif espress fil-laqgħat regolari tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin, f'avvenimenti pubbliċi u f'għadd kbir ta' sottomissjonijiet lill-Kummissjoni.

11 Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, ĠU L-101, 15.04.2011, p. 1.

12 COM(2016) 722 final (Ir-rapport tat-"Traspożizzjoni"), COM(2016) 719 final ("Ir-rapport tal-utenti"), adottat fit-2.12.2016.

13 COM(2012)286 final.

14 Għal ħarsa ġenerali: Daqqa t'għajn lejn l-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar:https://ec.europa.eu/anti-trafficking/publications/eu-anti-trafficking-action-2012-2016-glance_en.

fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Dawn il-miżuri jridu jkomplu jsegwu approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, speċifiku għall-ġeneru u sensittiv għat-tfal, u l-bżonnijiet ta' implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li jkunu kkoordinati fl-UE u esternament, kif ukoll fl-oqsma differenti ta' politika.

Waqt li tibni fuq l-Istrateġija u l-isforzi li għaddejjin biex id-Direttiva tiġi implimentata b'mod sħiħ, din il-Komunikazzjoni tipproponi sett ta' prijoritajiet immirati biex iżidu l-isforzi tal-UE għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin. Hija tiffoka fuq it-tfixkil tal-mudell kummerċjali li t-traffikar tal-bnedmin jiddependi fuqu, it-titjib tal-aċċess tal-vittmi għad-drittijiet, u l-iżgurar li miżuri interni u esterni tal-UE jipprovdu rispons koordinat u konsistenti.

II. Prijoritajiet imsaħħa għall-intensifikar tal-azzjoni tal-UE għall-prevenzjoni tat-traffikar tan-nies

Fuq il-bażi tal-implimentazzjoni li għaddejja tal-Istrateġija, ir-riżultati taż-żewġ rapporti skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva[15] u ħidma ta' koordinazzjoni u skambji estensivi ma' firxa ta' partijiet ikkonċernati[16], u sabiex tissaħħaħ l-azzjoni tal-UE, ġew identifikati tliet prijoritajiet fil-mira:

- L-intensifikar tal-ġlieda kontra n-netwerks tal-kriminalità organizzata inkluż permezz tat-tfixkil tal-mudell kummerċjali u tal-katina tat-traffikar;
- Li jiġi pprovdut aċċess aħjar għad-drittijiet għall-vittmi tat-traffikar, u biex dawn id-drittijiet jiġu rrealizzati;
- Li jiġi intensifikat rispons koordinat u konsolidat, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha.

A. Tfixkil tal-mudell tan-negozju u tal-katina tat-traffikar

Il-profitti minn swieq leċiti u illeċiti u d-domanda għall-oġġetti u s-servizzi pprovduti minn vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għadhom għoljin kull fejn hija prevalenti kultura ta' impunità kemm għall-awturi kif ukoll għall-utenti. L-analiżi fir-"Rapport tal-Utenti" tal-Kummissjoni, li tivvaluta l-impatt tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti eżistenti, tiżvela pajsaġġ legali varjat fl-UE. Il-liġi nazzjonali tonqos milli tikkontribwixxi b'mod effettiv biex tiskoraġġixxi d-domanda għal servizzi li huma l-oġġetti tal-isfruttament tat-traffikar tal-bnedmin.

Azzjoni ewlenija

Mill-2018, il-Kummissjoni se: ✓ **tkompli tħeġġeġ lil dawk** l-Istati Membri tal-UE, sa fejn huma mhux diġà wettqu dan, **biex jikkriminalizzaw lil dawk li konxjament jużaw servizzi** li ġejjin minn vittmi tat-traffikar.

L-insegwiment tal-flus tul il-katina tat-traffikar huwa kruċjali biex it-traffikar tal-bnedmin jinbidel f'reat "b'riskju għoli u b'redditu baxx". Dan jista' jsir billi jiġu intensifikati l-

15 Ir-rapport tat-"Traspożizzjoni" u r-rapport tal-"Utenti".

16 In-Netwerk tal-UE tar-Relaturi Nazzjonali u Mekkaniżmi Ekwivalenti dwar it-traffikar tal-bnedmin; Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin; L-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE; l-istituzzjonijiet tal-UE; organizzazzjonijiet internazzjonali.

investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet u jiġu ffaċilitati investigazzjonijiet finanzjarji proattivi u ggwidati mill-intelliġenza, l-irkupru tal-assi, l-iffriżar u l-konfiska tal-profitti. Se tiġi promossa kooperazzjoni iktar mill-qrib għal dan il-għan. Din se tinkludi l-bini tal-kapaċità bejn l-awtoritajiet nazzjonali, inkluż f'pajjiżi li mhumiex fl-UE, u se titwettaq permezz ta' netwerks xierqa bħalma huma t-Task Force tal-Azzjoni Finanzjarja,[17] u bl-appoġġ tal-aġenziji tal-UE.

Li tiġi skoraġġita d-domanda għal kull forma ta' sfruttament, inkluż permezz tal-ġestjoni responsabbli tal-katini tal-valur globali, huwa kruċjali f'dan ir-rigward. Kif rifless fl-Istrateġija Kummerċjali tal-UE[18] u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Katini tal-Valur Mondjali Responsabbli tal-12 ta' Mejju 2016, l-UE ħadet azzjoni f'diversi oqsma ta' politika,[19] kemm fid-dimensjoni interna kif ukoll f'dik esterna, sabiex tiżgura l-katini tal-provvista u tal-valur mingħajr t-traffikar tal-bnedmin, inkluż fis-settur tal-ħwejjeġ[20]. L-għan ta' din l-azzjoni jinkludi l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar ir-rappurtar mhux finanzjarju u l-akkwist pubbliku[21], l-istrumenti tal-kummerċ u miżuri speċifiċi għas-settur. Huwa jinkludi wkoll miżuri li jħeġġu lill-kumpaniji biex jiżguraw, billi jadottaw u japplikaw il-kodiċijiet ta' kondotta u l-mekkaniżmi ta' rappurtar / trasparenza, li l-katini tal-provvista u tal-valur tagħhom ma jkunu jinvolvu l-ebda traffikar[22].

Azzjonijiet ewlenin

Mill-2018, il-Kummissjoni se:

- ✓ tinkoraġġixxi u tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-UE fl-**inizjattivi konkreti tagħhom biex ifixklu l-mudell kummerċjali finanzjarju billi jiżviluppaw attivitajiet u metodoloġiji operazzjonali**, is-segwiment ta' prattika tajba, is-sensibilizzazzjoni, il-bini ta' kapaċità u l-għoti ta' taħriġ kif rilevanti;
- ✓ tħeġġeġ u tgħin lill-Istati Membri biex jagħmlu **l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet iktar effikaċi** permezz tal-bini ta' kapaċità, l-iżvilupp ta' għodod, l-iskambju ta' informazzjoni, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż il-promozzjoni u t-twaqqif ta' Skwadri Investigattivi Konġunti kemm fl-UE kif ukoll ma' pajjiżi barra mill-UE. Dan jista' jsir bl-appoġġ tal-aġenziji rilevanti tal-UE, in-Netwerk għat-Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew u n-Netwerk Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità kif ukoll internazzjonalment,

17 Il-kooperazzjoni se tinkludi attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Raba' Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus u fl-oqsma ta' attività tal-Pjattaforma tal-UE tal-Unitajiet tal-Intelliġenza Finanzjarja, l-Assoċjazzjoni tal-Kontabilisti Forensiċi tal-Infurzar tal-Liġi u n-Netwerk.

18 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Kummerċ għal kulħadd - Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment" COM(2015)497; Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Politika Kummerċjali għal Kulħadd It-Twettiq ta' Politika Kummerċjali Progressiva li Tisfrutta b'Mod Għaqli l-Globalizzazzjoni COM(2017)491.

19 Dawn jinkludu: it-trasparenza, il-kundizzjonijiet tal-impjiegi u tax-xogħol, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, id-djalogu soċjali, l-akkwist pubbliku, il-kummerċ, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u r-relazzjonijiet internazzjonali.

20 Għal aktar informazzjoni, ara; https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/overview-garment-related-activities_en.pdf .

21 Id-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE tinkludi b'mod espliċitu t-traffikar tal-bnedmin bħala raġuni ta' esklużjoni skont l-Artikolu 57.

22 L-Artikolu 57 tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE ssemmi b'mod espliċitu t-traffikar tal-bnedmin bħala raġuni għall-esklużjoni.

inkluż permezz tal-programmi tal-iżvilupp tal-UE u l-azzjonijiet skont il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni;

- ✓ tippromwovi **prattiki tan-negozju u kundizzjonijiet tax-xogħol sostenibbli fil-pajjiżi tal-produzzjoni.** Dan jista' jsir billi ssir enfasi fuq il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u appoġġ finanzjarju biex jiġu żgurati katini tal-provvista u tal-valur ħielsa mit-traffikar f'konformità mal-**istandards internazzjonali vinkolanti tax-xogħol, soċjali u ambjentali kif ukoll il-politiki u l-inizjattivi tal-UE;**
- ✓ tippromwovi **sessjonijiet tal-aħjar prattika u tat-taħriġ** mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, man-negozji u mas-soċjetà ċivili, speċjalment dwar l-applikazzjoni tal-linji gwida dwar il-metodoloġija għar-**rappurtar tal-informazzjoni mhux finanzjarja** li tinkludi t-traffikar tal-bnedmin.

B. Provvista ta' aċċess aħjar lill-vittmi għad-drittijiet u t-twettiq tad-drittijiet tagħhom;

L-UE għandha qafas leġiżlattiv u operattiv biex tgħin, tappoġġa u tipproteġi l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Il-Kummissjoni ppubblikat "Id-drittijiet tal-UE għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin"[23] fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Dan id-dokument jagħti ħarsa ġenerali komprensiva u prattika lejn id-drittijiet tal-vittmi, ibbażata fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-identifikazzjoni tal-vittmi b'mod effiċjenti u fi stadju bikri huwa l-ewwel pass sabiex jiġi żgurat li huma jiġu meqjusin bħala "detenturi tad-drittijiet", ikollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom u jkunu jistgħu jeżerċitawhom b'mod effettiv, li jinkludi li jirċievu assistenza u protezzjoni xierqa. Kif ġie konkluż fir-"Rapport tat-Traspożizzjoni", l-awtoritajiet nazzjonali għamlu sforzi sostanzjali biex idaħħlu d-Direttiva fil-liġi nazzjonali, iżda għad hemm lok sinifikanti għal titjib, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri ta' protezzjoni u ta' appoġġ[24]. Aċċess inadegwat għall-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi u mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali u transnazzjonali ineffettivi, flimkien ma' nuqqas li jiġu identifikati dawk kollha li huma vittmi tat-traffikar (inklużi dawk fi flussi migratorji mħallta) jkomplu jfixklu lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin milli jkunu jistgħu effettivament jibbenefikaw mid-drittijiet li huma intitolati għalihom[25].

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-prattikanti u lill-awtoritajiet fl-Istati Membri tal-UE. Il-bini tal-kapaċitajiet u t-tixrid tal-aħjar prattika għall-identifikazzjoni tal-vittmi, u l-enfasi fuq li jiġi garantit l-aċċess u li jingħataw assistenza u rimedji effettivi xierqa speċifiċi għall-ġeneru u għat-tfal, huma aspetti kruċjali tal-isforzi kollha fil-livell tal-UE. Dawn l-isforzi jinkludu l-iżvilupp ta' għarfien espert fl-aġenziji tal-UE u li jsir użu minnu, u l-promozzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ dwar l-identifikazzjoni tal-vittmi għall-gwardji tal-fruntieri, għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, għall-uffiċjali tal-asil u l-immigrazzjoni, għall-ħaddiema taċ-ċentri tal-akkoljenza, għall-persunal konsulari u tal-UE, għat-tuturi għat-tfal mhux akkumpanjati, kif ukoll għall-awtoritajiet b'kompetenzi f'dan il-qasam li x'aktarx

23 "Id-drittijiet tal-UE għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin", disponibbli fuq: Https://ec.europa.eu/anti-trafficking/sites/antitrafficking/files/eu_rights_of_victims_of_trafficking_mt_1.pdf .

24 Ir-Rapport tat-Traspożizzjoni jirreferi għal miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tat-tfal, il-preżunzjoni tat-tfulija u l-valutazzjoni tal-età tal-minorenni, il-protezzjoni qabel u waqt il-proċedimenti kriminali, l-aċċess għall-assistenza bla kundizzjonijiet, il-kumpens, l-assenza ta' kastigi, l-assistenza u l-appoġġ għall-membri tal-familja tal-vittma minorenni.

25 Rapport dwar il-Progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, COM(2016) 267 final (ir-"Rapport dwar il-progress").

jiġu f'kuntatt ma' vittmi ta' traffikar.[26] Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni se tappoġġa miżuri mfassla biex itejbu l-identifikazzjoni u r-riferiment nazzjonali u transnazzjonali tal-vittmi. Hija se tippromwovi wkoll il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni, kif ukoll mas-soċjetà ċivili u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, biex jiġi żgurat li l-vittmi jiġu identifikati minn kmieni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri sabiex jipprovdu protezzjoni komprensiva u aċċessibbli u jgħinu l-integrazzjoni tal-vittmi tat-traffikar, waqt li jieħdu kont tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull ġeneru. Se tissorvelja u tagħti pariri wkoll dwar l-implimentazzjoni ta' servizzi li jkunu sensittivi għat-tfal fil-livell nazzjonali - inkluż il-kura, is-saħħa u l-edukazzjoni għall-vittmi tat-traffikar - b'kunsiderazzjoni għall-ġeneru, l-età u l-ħtiġijiet partikolari tat-tifel jew tifla individwali. Fl-aħħar nett, se tippromwovi l-implimentazzjoni tal-"10 Prinċipji tal-UE għall-Ġestjoni Integrata tas-Sistemi għall-Protezzjoni tat-Tfal" ('10 EU Principles for Integrated Child Protection Systems')[27].

Azzjonijiet ewlenin

Minn tmiem l-2017, il-Kummissjoni se:

- ✓ tippubblika, f'kooperazzjoni mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, **gwida** għall-Istati Membri dwar **miżuri speċifiċi għall-ġeneru biex jiġu megħjuna u appoġġati l-vittmi**;
- ✓ tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali, **gwida prattika** biex tittejjeb il-koperazzjoni bejn l-aġenziji u tranżnazzjonali li għandha l-għan li **timpedixxi t-traffikar ta' tfal tal-UE**, tiżgura l-protezzjoni ta' vittmi tfal, issib soluzzjonijiet dejjiema u li jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġi tal-UE u internazzjonali;
- ✓ tirrieżamina l-funzjonament tal-**Mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali u tranżnazzjonali tal-Istati Membri**;
- ✓ tiffoka fuq il-bini ta' kapaċitajiet sabiex **ittejjeb il-kooperazzjoni permezz ta' għodod tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni tal-UE** għas-sejbien, l-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u dejta dwar il-vittmi tat-traffikar u t-traffikanti;
- ✓ tagħti parir **lill-awtoritajiet nazzjonali tal-UE dwar kunċetti ewlenin relatati mat-traffikar tal-bnedmin**, li jgħinu biex jitjiebu l-ħidma operattiva, l-iżvilupp tal-politika, il-komparabilità tad-dejta u r-rappurtar.

C. Intensifikar ta' rispons koordinat u konsolidat, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha

L-UE se tieħu passi ulterjuri biex ittejjeb il-koordinazzjoni tal-aspetti interni u esterni tal-politika tal-UE kontra t-traffikar. It-traffikar tal-bnedmin huwa spiss marbut ma' tipi oħra ta' reati, inklużi reati tranżnazzjonali. Il-Kummissjoni se tkompli tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-aġenziji tal-UE biex jindirizzaw it-traffikar bħala forma ta' reat organizzat li ma jiqafx fuq il-fruntieri nazzjonali jew tal-UE, u tikkoopera ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE.

[26] Il-Manwal għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-viża u l-modifika ta' viżi maħruġa diġà jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar l-aħjar prattika fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet sottomessi f'isem minorenni, sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda raġuni biex wieħed jissuspetta t-traffikar tat-tfal jew l-abbuż tat-tfal (C(2010) 1620 final).

[27] Disponibbli hawn:http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/files/rights_child/10_principles_for_integrated_child_protection_systems.pdf.

Il-koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar jikkontribwixxi għal rispons ikkoordinat u kkonsolidat tal-Unjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin. F'dan il-kuntest, il-koordinatur, jippromwovi kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-livell tal-UE fost l-organizzazzjonijiet, l-entitajiet u l-individwi li jipparteċipaw f'netwerks, b'mod partikolari fin-Netwerk tal-UE tar-Relaturi Nazzjonali u Mekkaniżmi Ekwivalenti dwar it-traffikar tal-bnedmin; il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin; u l-punti ta' kuntatt fl-aġenziji tal-UE għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni[28] mal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar it-Traffikar tal-Bnedmin. Aġenziji oħra impenjati li jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin u pjattaformi u netwerks rilevanti oħra fil-livell tal-UE huma inklużi wkoll.

F'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissjoni se tkompli tiżgura li angolu ta' kontra t-traffikar jiġi inkluż b'mod sistematiku fl-aspetti kollha tar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE u f'kull qasam ta' politika rilevanti, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà u l-kriminalità organizzata, u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Se tiżgura wkoll li l-impenji dwar it-traffikar tal-bnedmin stabbiliti fid-Dikjarazzjoni ta' New York[29] jiġu implimentati u jgħinu biex jingħata l-forma tiegħu l-Patt Globali dwar il-Migrazzjoni permezz ta' kooperazzjoni politika u operazzjonali. Dan se jsir billi tiġi promossa kooperazzjoni bilaterali u reġjonali msaħħa mas-sħab rilevanti u organizzazzjonijiet oħra inkluż permezz ta' finanzjament immirat skont l-istrumenti rilevanti.

L-atturi rilevanti fl-UE u f'pajjiżi terzi se jiġu mħeġġa biex jindirizzaw kwistjonijiet li jinkludu l-protezzjoni tal-vittmi u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà, fl-inizjattivi tagħhom fuq il-prevenzjoni, l-edukazzjoni u postijiet ta' kenn, u biex jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' nisa, tfal u gruppi oħra vulnerabbli, inklużi r-Roma. Il-Kummissjoni se tappoġġahom f'dawn l-isforzi.

Se jingħata wkoll appoġġ lil pajjiżi mhux tal-UE li jikkooperaw mal-UE biex jimplimentaw ir-riformi fis-settur tas-sigurtà u jistabbilixxu l-istat tad-dritt fit-territorju tagħhom, bil-għan tal-prevenzjoni u l-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin u l-bini ta' infurzar tal-liġi u prosekuzzjoni b'saħħithom.

Barra minn hekk, l-UE se żżid l-azzjoni esterna tagħha mmirata lejn organizzazzjonijiet kriminali involuti fit-traffikar tal-bnedmin. Dan jinkludi azzjoni meħuda skont il-mandati tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, li jinvolvu wkoll pajjiżi prijoritarji, inkluż għal attivitajiet ta' kontra t-terroriżmu fil-Lvant Nofsani, fl-Afrika ta' Fuq u fil-Balkani tal-Punent.

<u>Azzjonijiet ewlenin</u>

Minn tmiem l-2017, il-Kummissjoni sejra:

✓ flimkien mal-Istati Membri u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, **tirrieżamina u tidentifika l-pajjiżi u r-reġjuni ta' prijorità għal azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin,** filwaqt li tiżgura l-konsistenza u l-kumplimentarjetà mal-

[28] Is-Seba' Aġenziji tal-UE għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni ħarġu impenn konġunt li jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin fl-2011.

[29] Ir-riżoluzzjoni 71/1 adottata mill-Assemblea Ġenerali fid-19 ta' Settembru 2016, id-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti.

prijoritajiet u l-ipprogrammar identifikati fl-oqsma kollha ta' interazzjoni internazzjonali, u b'mod partikolari l-migrazzjoni, is-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem;

- ✓ taħdem lejn il-kisba tal-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** tal-Aġenda 2030, b'attenzjoni partikolari fuq il-miri 5.2, 8.7 u 16.2 li jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin, f'konformità mal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp;[30]
- ✓ tippromwovi **impenn imġedded mill-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE biex jaħdmu flimkien kontra t-traffikar** bl-involviment ta' aġenziji rilevanti oħra;
- ✓ tiżgura li jiġu implimentati l-komponenti **kollha tal-Inizjattiva Spotlight tal-Unjoni Ewropea u tan-Nazzjonijiet Uniti** biex tiġi eliminata l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet[31] li huma marbuta mat-traffikar tal-bnedmin;
- ✓ tiżgura li l-miżuri relatati mat-traffikar tal-bnedmin inklużi fid-dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal dwar "**L-attivitajiet tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fir-relazzjonijiet esterni tal-UE**" jiġu implimentati;
- ✓ tiżgura li l-impenji li saru skont is-**Sejħa għal Azzjoni dwar il-Protezzjoni mill-Vjolenza Abbażi ta' Sess f'Emerġenzi** jiġu ssodisfati, inkluż l-assenjar tal-għajnuna umanitarja b'mod speċifiku biex tappoġġa l-prevenzjoni tal-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u r-rispons għaliha.

III. Prijoritajiet trażversali għall-intensifikar tal-azzjoni tal-UE għall-prevenzjoni tat-traffikar tan-nies

Minbarra t-tliet prijoritajiet speċifiċi, żewġ prijoritajiet trażversali ġew identifikati biex ikomplu jwessgħu l-bażi tal-għarfien u jtejbu l-fehim ta' dan il-fenomenu kumpless, u jipprovdu finanzjament xieraq b'appoġġ għal inizjattivi u proġetti kontra t-traffikar.

Il-fehim tan-natura, l-iskala u l-ispejjeż ta' dan ir-reat huwa essenzjali biex tiġi żgurata azzjoni xierqa fil-livell tal-UE biex jiġi evitat dan il-fenomenu. Riċerka, statistika affidabbli u komprensivi huma kruċjali fl-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' xejriet, fl-iżvilupp ta' politika bbażata fuq l-evidenza, u fil-kejl tal-impatt ta' inizjattivi individwali. Bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija, inġabret fil-livell tal-UE dejta bażika tajba dwar it-traffikar tal-bnedmin, iżda din teħtieġ li tiġi żviluppata aktar. Il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa metodoloġiji tal-ġbir tad-dejta biex tipproduċi statistika kumparabbli dwar it-traffikar tal-bnedmin fl-UE. Se tagħmel ukoll ħidma ta' segwitu għall-istħarriġ madwar l-UE kollha dwar id-disponibilità ta' dejta dwar it-traffikar tal-bnedmin f'pajjiżi tal-UE li sar fl-2017. It-tnedija ta' kampanja kontra t-traffikar madwar l-UE kollha se tgħin biex titqajjem kuxjenza u jittejjeb l-għarfien tan-natura, tal-implikazzjonijiet u tal-kumplessità ta' dan ir-reat.

L-UE se tkompli tappoġġa wkoll azzjonijiet kontra t-traffikar permezz ta' flussi multipli ta' finanzjament,[32] kemm fl-UE kif ukoll f'postijiet oħra. Fl-appoġġ ta' finanzjament tagħha, il-Kummissjoni se tagħti prijorità lil azzjoni li tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni

---

30 Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp: "Id-dinja tagħna, id-dinjità tagħna, il-ġejjieni tagħna", 2017/C 210/01.

31 L-inizjattiva hija appoġġata minn baġit ta' EUR 500 m.

32 Studju dwar ir-Rieżami Komprensiv tal-Politika tal-Proġetti ta' Kontra t-Traffikar iffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea (2016), disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/anti-trafficking/publications/comprehensive-policy-review-anti-trafficking-projects_en . Bejn l-2004 u l-2015, il-Kummissjoni ffinanzjat direttament 321 proġett kontra t-traffikar b'total ta' EUR 158,5 m. Dan is-sett ta' dejta ma jinkludix il-flus allokati b'rispons għall-kriżi tal-migrazzjoni.

f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi vittmi tat-traffikar għal sfruttament sesswali, fil-kuntest tal-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u ż-żamma tat-tfal fl-iskola.

Azzjonijiet trażversali għal bażi ta' għarfien soda

Mill-2018, il-Kummissjoni se: ✓ tippubblika studju dwar **il-kost ekonomiku, soċjali u uman tat-traffikar**; ✓ tippubblika studju dwar l-impatt tal-istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar għal sfruttament sesswali, u tippromwovi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattika fost il-pajjiżi tal-UE; ✓ tippubblika, fir-Rapport ta' Progress tal-Kummissjoni li jmiss, **l-aħħar statistika dwar il-ġustizzja kriminali fuq s-sitwazzjoni tal-UE rigward it-traffikar tal-bnedmin**, bl-appoġġ tal-Eurostat, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u n-Netwerk tal-UE ta' Relaturi Nazzjonali u Mekkaniżmi Ekwivalenti; ✓ tniedi **kampanja ta' sensibilizzazzjoni mal-UE kollha** dwar it-traffikar tal-bnedmin, immirata lejn l-utenti, il-konsumaturi, u l-gruppi vulnerabbli u s-setturi b'riskju għoli.

Azzjonijiet trażversali li jappoġġaw il-prijoritajiet kontra t-traffikar f'pajjiżi tal-UE u f'pajjiżi li mhumiex tal-UE

✓ Tappoġġa l-objettivi u l-prijoritajiet kontra t-traffikar, inklużi proġetti li jieħdu kont b'mod partikolari tad-**dimensjoni tal-ġeneru ta' dan il-fenomenu, gruppi b'riskju għoli kif ukoll fis-setturi b'riskju għoli permezz ta' diversi programmi ta' finanzjament tal-UE**, bħalma huma l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (FAMI), il-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI), il-Pulizija u l-Fruntieri, Orizzont 2020, il-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-Programm tal-Ġustizzja u l-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), il-Faċilità tas-Sħubija tal-Mobilità, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument tal-UE li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP) u l-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika.

IV. Konklużjoni

Sar progress sostanzjali fil-konsolidazzjoni tal-ħidma tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin. Madankollu, peress li dan il-fenomenu kompla jevolvi, l-azzjoni tal-UE biex tiġġieled it-traffikar tal-bnedmin, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha, teħtieġ li tiġi intensifikata. Din il-Komunikazzjoni għalhekk tidentifika sett ta' prijoritajiet trażversali għal reazzjoni iktar b'saħħitha, li għandha tiġi segwita mill-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet rilevanti kollha b'mod aktar koordinat u konsolidat sa minn tmiem l-2017. L-Istati Membri jenħtieġ li jużaw l-għodod ambizzjużi kollha disponibbli għalihom biex jimplimentaw il-miżuri miftiehma fil-livell tal-UE mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni se tissorvelja l-progress dwar l-azzjoni stipulata f'din il-Komunikazzjoni u tirrapporta dwar il-progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa tmiem l-2018.